Received 7/1/21 26 S

# Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad
sussegwentement għall-approvazzjoni tal-permess ta' żvilupp
PA06489/19 mill-Awtorità tal-Ippjanar

vs

Awtorità tal-Ippjanar

**6 ta' Jannar 2021**

**Rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-decizjoni pprezentat kontestwalment mal-Appell ta' Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad**

**Tesponi bir-rispett:**

Illi dan rikors għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-deċizjoni qed jiġi ppreżentat kontestwalment mar-Rikors tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp bir-referenza hawn fuq imsemmija.

L-applikazzjoni hi To demolish existing dwelling. Proposed construction of 5 houses and *rooftop pools*, *fuq is-sit* 57, Triq tat-Trux c/w, Triq tat-Trux, Sqaq Nru.8 ta' Ġajru, Gharb u hi għal "Full development permission".

Illi Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad hija "third party registered objector" u persuna interessata f'din l-applikazzjoni għall-finijiet tal-liġi.

**Talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-deċizjoni**

Illi permezz tal-preżenti Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad umilment titlob għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-għotja tal-permess suġġett ta' dan l-appell sakemm tingħata deċiżjoni minn dan l-Onorabbli Tribunal taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa.

Illi Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad appellanti qed titlob għal din is-sospensjoni għax l-inkonvenjenza li ser isoffri jekk it-talba ma tintlaqax hija proporzjalment ikbar għal dik sofferta jekk din tintlaqa'.

Illi dan għax jekk tintlaqa' t-talba l-applikant mhux ser isoffri l-ebda preġudizzju – anzi ha jibbenefika mill-abbrevjazzjoni tat-termini stipulati fil-liġi għall-għotja tad-deċiżjoni u għalhekk ha jgawdi minn ċertezza legali.

Illi jekk it-talba ta' Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad ma tintlaqax ha jipproċedu x-xogħlijiet b'riżultat li jitwaqqa' l-bini eżistenti.

Għaldaqstant Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad qed tinterponi din it-talba għas-sospensjoni kif previst mill-liġi.

**Carmel Cacopardo**
**PERIT f'ismu u f'isem Dr Alfred Grech**

Appellant : Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad: 60 Triq Tat-TruxGħarb Gozo: sonjasslindblad@gmail.com
Perit : 51 Triq Isouard Marsa : cacopardocarm@gmail.com
Avukat : The Brockerage, Triq Santa Martha, Victoria Gozo : grechalf@gmail.com